**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Kongunt Nru : 120/17 AL

**AB**
u
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-kontendenti kienu izzewgu nhar tmintax(18) ta` Awwissu tas-sena elfejn u tlieta(2003) [**Dok A**].

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin fi tnax(12) ta` Jannar ta` sena elfejn u tnax(2012) permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr.Claire Camilleri [**Dok B**] liema kuntratt gie emendat permezz ta' iehor ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat

tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) [**Dok C**] u minn dik il-gurnata qatt il-konjugi B qatt ma regghu irrikonciljaw.

Illi miz-zwieg hawn fuq imsemmi twieled tifel wiehed li huwa minoreni.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-konjugi B rigward manteniment il-mara kienet iddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment u ir-ragel kien irrinunjza ghad-dritt tieghu ta' manteniment ghaldaqstant l-ebda manteniment ma hu dovut bejn il-konjugi.

Illi l-komparenti CB taghzel li tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' 'V'.

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza l-komparenti CB tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' 'Vella'.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti CB talbet lill-Qorti biex tawtorizzaha tirriveri ghal kunjom xbubitha u cioe' V. Il-Qorti tilqa' t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu il-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-12 ta' Jannar 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.